## MIN QED IMEXXI L-PROGRAMM?

Il-programm hu mmaniġġjat minn Sustainability Victoria, aġenzija tal-gvern li tappoġġja lill-persuni li jgħixu f'Victoria biex ikunu iżjed sostenibbli fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

## KIF NISSIEĦEB MAL-PROGRAMM?

Ċemplilna fuq **1800 330 655** biex tikseb tagħrif jekk intx eliġibbli biex tissieħeb mal-Victorian Healthy Homes Program.

JEW

Imla u ibgħat lura l-parti li tista' taqta' bil-posta mħallsa ta' dan il-fuljett u aħna nċemplulek lura.

## AKTAR TAGĦRIF

sustainability.vic.gov.au/healthyhomes

Sieħeb tat-Twassil tal-Healthy Homes Program tal-Gvern ta' Victoria

**Moreland Energy Foundation Limited**
1800 330 655 (Reference: H)

# victorian healthy homes Program



## ŻOMM RUĦEK SĦUN, ĦU ĦSIEB SAĦĦTEK.

**Applika għal titjib bla ħlas tal-enerġija u tas-sħana f'darek**

**Il-Gvern ta' Victoria qed jipprovdi bla ħlas titjib lid-djar eliġibbli biex inaqqsu l-kontijiet tal-enerġija u jtejbu l-kumditā u s-saħħa fix-xitwa**

## X'INHU L-VICTORIAN HEALTHY HOMES PROGRAM?

Il-Victorian Healthy Homes Program joffri titjib bla ħlas għal djar b'persuni bi dħul baxx fejn tal-anqas persuna waħda għandha bżonn servizzi tas-sapport tal-kura fid-dar jew għandha problemi eżistenti ta' saħħa.

Il-programm hu ffinanzjat mill-Gvern ta' Victoria u ser ikejjel il-benefiċċji tas-saħħa u tfaddil fil-kont tal-enerġija li jirriżultaw mill-fatt lid-djar isiru aktar komdi matul it-temp aktar kiesaħ

## X'NAKKWISTA JEKK NINGĦAQAD MA' DAN IL-PROGRAMM?

Jekk tintagħżel, int ser tirċievi titjib bla ħlas tal-effiċjenza tal-enerġija u tas-sħana tad-dar li jiswa sa $3500, stallat mingħajr periklu minn nies tas-sena liċenzjati.

Ser tirċievi wkoll minn 2 sa 3 viżti u minn 2 sa 3 telefonati minn uffiċjal tal-kollegament tal-enerġija biex:

- Jaħdem miegħek biex jidentifika l-bżonnijiet tiegħek tal-enerġija matul ix-xitwa
- Jgħinek issib tariffi irħas tal-enerġija
- Jiġbor dejta dwar tipi varji tal-użu tal-enerġija u s-saħħa (jekk taqbel)

Għal dettalji dwar id-dati tar-reklutaġġ jekk jogħġbok żur www.sustainability.vic.gov.au/healthyhomes

## JIEN ELIĠIBBLI GĦAL DAN IL-PROGRAMM?

Biex tkun eliġibbli għal dan il-proġett tar-riċerka, int trid tkun għalaqt 18-il sena jew aktar, tkun għext fid-dar kurrenti tiegħek għal sena jew aktar, u tkun qed tgħix fil-Punent ta' Melbourne jew fil-Goulburn Valley u:

- ikollok kwalunkwe waħda mill-kards tal-konċessjoni tal-Commonwealth illistjati hawn taħt u qed tirċievi servizzi ta' sapport tal-kura fid-dar ipprovduti permezz tal-kunsill lokali tiegħek jew organizzazzjoni oħra komunitarj u biħsiebek tgħix f'darek għal sentejn jew aktar

JEW

- għandek kwalunkwe waħda mill-kards tal-konċessjoni tal-Commonwealth illistjati hawn taħt u li huma parti mill-Programm tal-Indipendenza tas-Saħħa/Programm tal-Kura Kumplessa tal-Gvern ta' Victoria u biħsiebek toqgħod f'darek għal sentejn jew aktar

JEW

- għandek kwalunkwe waħda mill-kards tal-konċessjoni tal-Commonwealth illistjati hawn taħt u għandek marda kronika respiratorja u biħsiebek toqgħod f'darek għal sentejn jew aktar.

Persuni li għandhom wieħed minn dawn it-tipi tal-kards tal-konċessjoni tal-Commonwealth li ġejjin huma eliġibbli biex jieħdu sehem f'dan l-istudju: Centrelink Health Care Card; jew Centrelink jew DVA Pensioner Concession Card; jew (DVA) Gold Card – Għall-Kundizzjonijiet Kollha.